# Il-Kappella tal-Madonna ta' Manresa tar-Rabat Għawdex - *minn Ivan Bugeja*



Il-kappella tal-Madonna ta' Manresa tinsab fil-gżira t'Għawdex, eżattament f'nofs Triq Santa Domenica li mill-Belt Victoria twasslek lejn ir-raħal pittoresk tal-Munxar. Wieħed ma jistax jiktellem fuq din il-kappella u ma jsemmix id-Dar tal-Irtiri li hi tant popolari fil-gżejjer Maltin. Dan għaliex il-kappella li hi tassew grazzjuża tinsab fil-qalba ta' din id-dar. Din id-dar kienet iddisinjata mill-Kanonku Salvatore Bondi u hi ddedikata lill-Madonna ta' Manresa u lil San Injazju ta' Loyola. Id-dar kienet inbniet bejn l-1810 u l-1813 fi żmien l-Isqof



Ferdinando Mattei, bl-iskop ewlieni li tkun ċentru għall-irtiri kemm għall-membri tal-kleru kif ukoll għal-lajċi.

Din il-kappella tbierket nhar l-20 ta' Lulju tal-1833 mill-Vigarju Ġenerali l-Monsinjur Emmanuel Rossignaud. Imbagħad fil-15 t'Ottubru tal-1931 il-kappella kienet ikkonsagrata mill-E.T l-Isqof Mikiel Gonzi. Il-kappella tinsab fuq ġewwa tad-dar tal-irtiri, imma d-dħul għaliha jista` jsir minn żewġ bibien li hemm fuq il-faċċata tal-istess dar. Ta' min jgħid illi l-kappella hi mibnija kollha kemm hi bil-ġebla tal-franka tal-Gżira Għawdxija u hi msebbħa b'ħafna lavur u skultura l-aktar mad-dawra tal-kwadru titulari, fuq il-bibien u anki mal-kapitelli tal-pilastri. Il-kappella għandha għamla ottagonali, bi tmien pilastri Stil Doriku u fuqhom erbà arkuni u erbà pendentivi. Fuqhom imbagħad hemm iċ-ċirku tal-koppla, li sfortunatament qatt ma kienet mibnija u li hi magħluqa b'saqaf tal-konkos.

Fil-kappella nsibu tliet altari b'dak prinċipali ddedikat lill-Madonna ta' Manresa u tnejn oħra li huma ddedikati lil San Pawl Eremita u lil San Ġilormu. L-altar prinċipali jinsab f'kor b'żewġ twieqi fil-ġenb u msaqqaf arzella b'saqaf troll. Fuq il-faċċata tad-dar insibu kampnar wieħed b'qanpiena unika u taħtu l-istemma tal-E.T l-Isqof Mattei. Imbagħad fuq bieb li llum hu magħluq

*ikompli f'paġna 49*

hemm irħama bi skrizzjoni li tfakkar il-bini ta' din id-dar.



Fl-kappella nsibu wkoll diversi opri artistiċi. Fosthom ta' min isemmi l-kwadru titulari li kien tpitter fl-1857 mill-artist bravu Giuseppe Hyzler. Fuq in-naħa ta' fuq tal-kwadru nsibu lill-Madonna bil-qiegħda fuq is-sħab u mdawra b'ħafna kerubini u angli żgħar u b'Binha Ġesu` bil-wieqfa quddiemha. Imbagħad fil-parti t'isfel hemm għar u quddiemu San Injazju għarkopptejh, jikteb u ħdejh anġlu bil-wieqfa qed iżomm parċmina bil-kelmiet "*Beati qui audiunt Verbum Dei et custodiunt illum*" li tfisser "Imberkin dawk li jisimgħu l-Kelma t'Alla u jħarsuha". Fl-isfond tidher il-belt ta' Manresa, ix-xmara u l-Muntanja ta' Monserrat u fil-parti t'isfel nett insibu numru ta' xitel li jikbru fil-gżira ta' Għawdex.

Żewġ kwadri oħra huma ddedikati lil San Ġilormu u lil San Pawl Eremita. Imbagħad fuq altar minnhom hemm kwadru ovali tad-Duluri mdawwar bi gwarniċ skolpit u indurat bi stil Rococo u fuq il-bibien insibu wkoll il-kwadri ta' San Injazju, San Franġisk Saverju, San Martin u San Publiju. Fil-kappella hemm ukoll il-korpsant ta' Santa Fortunata, statwa ta' Santa Domenica skulturata fil-ġebla Maltija u kurċifiss artistiku li kien sar mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.



Kwadru ieħor jinsab fid-daħla tal-kappella, din id-darba kwadru ovali u li hu ddedikat lil San Kalċidonju.

Interessanti hu l-fatt illi qabel l-1810 fl-istess post kien hemm kappella oħra li kienet iddedikata lil San Martin. Din il-kappella kienet inbniet fil-bidu tas-seklu sbatax minn Giovanni Cumbo. Fl-imgħoddi din l-istess kappella kienet magħrufa wkoll bħala ta' Santa Domenica u dan minħabba li kien hemm statwa tal-ġebel ta' din il-qaddisa. Għal diversi snin fl-istess kappella kienet teżisti wkoll devozzjoni qawwija lejn il-Madonna tal-Ħerba.

Dar Manresa għaddiet f'idejn it-tmexxija tal-Patrijiet Ġiżwiti fl-1953 u fil-preżent hi post imfittex ħafna minn dawk il-persuni li jkunu jixtiequ jqattgħu ftit jiem t'irtir spiritwali, f'atmosfera ta' riflessjoni, talb u paċi. Id-dar għandha l-kapaċita` li tilqa` fiha mal-ħamsin persuna.

